PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8674 — BASF/Solvay's polyamide business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 185/05)

1. Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BASF SE ("BASF", il-Ġermanja),

— L-attivitajiet tal-poljamidi ta' Solvay madwar id-dinja, ("in-Negozju" il-Belġju)

BASF takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-Negozju kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma. BASF u Solvay daħlu fi ftehim ta' xiri ta' ishma fit-22 ta' Diċembru 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BASF: kimiċi, prodotti tal-prestazzjoni, soluzzjonijiet u materjali funzjonali, soluzzjonijiet agrikoli, u żejt u gass. BASF hija attiva fil-katina tal-valur tal-poljamidi, b'mod partikolari fil-produzzjoni ta' HMD, l-Aċidu Adipiku, l-AH-Salt, il-Polimeru fuq il-bażi tal-Poljamidi (PA 6.6) u Plastik tal-Inġinerija tal-Poljamidi (PA 6.6 EP).

— in-Negozju: poljamidi u intermedji (magħrufa wkoll bħala "P&I"), plastika tal-inġinerija. In-Negozju huwa attiv ukoll fil-katina tal-valur tal-Poljamidi, b'mod partikolari fil-produzzjoni tal-ADN, l-HMD, l-Aċidu Adipiku, l-AH-Salt, il-Polimeru fuq il-bażi tal-Poljamidi (PA 6.6) u Plastika tal-Inġinerija tal-Poljamidi (PA 6.6 EP).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8674 — BASF/Solvay

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").